MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1297/2010

**Vodafone Malta Limited
C-10865**

**vs**

**Vincentia Zammit
I.D.112491(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenuta tigi kkundanata thallas l-ammont ta' hames mija u tlett Ewro u disgha u sebghin centezmu (€503.79) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenuta abazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, skond rendikont anness u mmarkat bhala Dok A.

Il-konvenuta giet interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda baqghet inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-llum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u tlett Ewro u disgha u sebghin centezmu (€503.79) ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenuta.
Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------